19 ta' Frar, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giovanni Bonavia *versus* Carmelo Bonavia et.

**Konsorzju — Dritt tal-Komproprjetarji li Jagħmlu Użu mill-Ħaġa Komuni — Kera — Art. 528 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-komproprjetarji għandhom dritt jagħmlu użu mill-ħaġa komuni mingħajr ma jħallsu kumpens ta' dak l-użu lill-komproprjetarji l-oħra li ma jagħmlux dak l-użu.*

*Ta bażi għal dan il-prinċipju stabbilit mill-liġi, min ikun jokkupa fond komuni ma huwiex obbligat iħallas il-kera għal dik l-okkupazzjoni sakemm ma jkunx ġie interpellat għal hekk b'att ġudizzjarju.*

*Għalhekk ukoll, jekk wieħed jirreċedi minn negozju agrikolu komuni, mingħajr ma jitlob il-likwidazzjoni ta' dak in-negozju, u dak in-negozju jibqa' eżerċitat mill-konsorti l-oħrajn billi jkomplu jużaw l-attrezzi inservjenti għal dak in-negozju, il-konsorti li ħareġ mill-azjenda komuni ma jistax jirreklama kumpens għall-użu ta' dawk l-attrezzi u sehmu mill-profitti u mill-interessi ta' dak in-negozju sakemm huwa ma jkunx interpella lill-konsorti l-oħra, li komplew in-negozju, biex huwa jieħu dak is-sehem tiegħu. Dak id-dritt jibda jissussisti minn meta huwa jkun għamel dik l-interpellazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fil-25 ta' Diċembru 1891 u fid-29 ta' Ottubru 1901 mietu rispettivament Gaetano u Maria miżżewġin Bonavia, ġenituri tal-kontendenti, u mingħajr testment; u għalhekk il-wirt tagħhom għadda għand l-istess uliedhom u għand Antonio Bonavia, tifel ieħor tagħhom; u fl-4 ta' Jannar 1943 (dok. C) miet "ab intestato" l-imsemmi Antonio Bonavia; u werrieta tiegħu skond il-liġi huma l-kontendenti ħutu; u li l-istess kontendenti, flimkien ma' l-imsemmi Antonio Bonavia, kellhom diversi interessi bejniethom li sal-lum għadhom ma ġewx likwidati; u li l-attur irid sehmu sew mill-ereditajiet sew mis-sustanzi komuni l-oħra; talab:— 1. Li tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali bejn

Gaetano u Maria miżżewġin Bonavia; .................... 7. Li jiġi likwidat l-istat ta' komunjoni ta' interessi bejn il-kontendenti u l-wirt ta' *Antonio Bonavia*; ............. 9. *Li jiġi* likwidat l-assi ta' Antonio Bonavia; ................. 11. Li jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni u diviżjonijiet fuq indikati, nutar biex jirċievi u jippublika l-kuntratt relativ, u kuraturi għar-rappreżentanza tal-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 1950, li biha ġew likwidati fil-beni indikati fil-parti razzjonali tas-sentenza l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn Gaetano u Maria ġà konjuġi Bonavia, *l-assi partikulari ta'* Gaetano Bonavia u l-assi partikulari ta' Maria Bonavia, u l-assi partikulari ta' Antonio Bonavia, u l-istat tal-komunjoni ta' interessi bejn il-kontendenti u l-wirt ta' l-istess Antonio Bonavia; ġie ordnat li d-diviżjoni........... issir skond il-pjan miġjub fil-parti razzjonali tas-sentenza.................; u ġie ordnat illi l-kuntratt relativ jiġi riċevut..................; ġie ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża u relativi jħallsuhom il-kontendenti terz kull wieħed; wara li kkunsidrat;

Li mill-perizja jirriżulta:—

1. Illi l-assi soċjali konjugali bejn Gaetano u Maria miżżewġin Bonavia jikkonsisti fil-beni, u hu suġġett għall-passivitajiet, li sejrin jiġu indikati, jiġifieri.................;

Illi l-Qorti tapprova l-pjanijiet elaborati mill-perit, tant dak għad-diviżjoni tal-beni komuni, kemm dawk għad-diviżjoni ta' l-assi ta' Antonio Bonavia;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu llikwidat..................... imma tiġi revokata in kwantu daħħlet fl-attiv iż-żewġ partiti fuq imsemmijin ta' £218 u ta' £638, u jiġi minflok deċiż li dawna *ż-żewġ* partiti ma għandhomx jidħlu fl-attiv, u konsegwentement jiġi alterat il-pjan ta' diviżjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi l-appell, kif ġie ulterjorment limitat, bl-imsemmija *nota* tal-15 ta' Jannar 1951, jirrigwarda biss il-partiti hawn taħt miġjuba:— ................... (b) dik ta' £638, kwantu għal

£319 valur ta' benefikati, prodotti u attrezzi agrikoli, u inkwilinat ta' għelieqi, kif speċifikati fil-paragrafu 15 ta' l-ewwel rapport peritali (fol. 134 u seg.), eskluži l-flus, krediti u debiti hemm ukoll eċċettwati, u kwantu għal £319 interessi fuq l-imsemmija somma bir-rata tal-5% għall-perijodu ta' 33 sena;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti, qabel xejn, jikkontestaw il-likwidazzjoni magħmula mill-perit legali fl-ewwel rapport tiegħu fis-somma ta' £319 għall-valur ta' benefikati, prodotti u attrezzi agrikoli u inkwilinat ta' għelieqi, eżistenti fl-epoka tar-reċess da parti ta' l-attur appellant minn negozju agrikolu komuni. Dik is-somma ġiet fissata mill-perit "arbitrio boni viri" .............. Mill-premess jidher li l-appellanti akkwetaw ruħhom u aċċettaw il-likwidazzjoni magħmula mill-perit legali fl-ammont imsemmi ta' £319. Fuq dana l-pont, għalhekk, l-appell tal-konvenuti ma jidherx ġustifikat;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jsostnu li bir-reċess ta' l-attur appellat minn negozju agrikolu komuni ma saret ebda diviżjoni, u l-affarijiet li kien hemm baqgħu komuni, u bħala komproprjetarji kellhom id-dritt kollu li jagħmlu użu minnhom (art. 528 tal-Kodiċi Ċivili). In bażi għal dina d-dispożizzjoni talliġi ġie infatti deċiż li l-komproprjetarju li jokkupa fond komuni ma għandux iħallas kera sakemm ma jkunx ġie interpellat biex jagħmel hekk (ara sentenza ta' dina l-Qorti tal-25 ta' Frar 1946, in re "Bugeja vs. Saċ. Saydon et.", Kollezzjoni, Vol. XXXII, Parte I, paġ. 368). Ir-raġuni ta' l-istess dispożizzjoni tal-liġi tinsab espressa f'sentenza oħra ta' dina l-Qorti, li kienet allura presjeduta mill-istess Sir Adriano Dingli, mogħtija fil-25 ta' April 1892, in re "Diacono vs. Diacono" (Kollez. Vol. XIII, paġ. 186), u li qalet hekk:— "Nè giova all'attore di dire che il convenuto dovesse pagare fitto perchè colla sua occupazione della detta casa impediva gli altri di servirsene, o perchè egli era l'amministratore nell'interesse comune; poichè non si può dire impedito di servirsi di una cosa occupata da altri chi non ha mai espresso o dato segno di volontà di farne uso, e l'acquiescenza dei con-

sorti, protratta per tanti anni, nell'occupazione della detta casa dal convenuto, con scienza loro e sotto i loro occhi, importava la loro approvazione del fatto suo anche come amministratore";

Fil-każ in eżami l-attur ma baqax sħab ma' ħutu fin-negozju agrikolu minn Ottubru tas-sena 1916, u l-affarijiet kollha attinenti ma' dak in-negozju baqgħu f'idejn l-appellanti u ħuhom Antonio, u dana ta' l-aħħar kien l-amministratur tan-negozju tar-raba' u ta' l-annimali. Kif jinsab riportat fl-ewwel rapport peritali (fol. 114), in bażi għall-provi prodotti, meta l-appellat inqata' minn ma' ħutu ma kienx pront talabhom biex jillikwidaw l-interessi ta' bejniethom. Dan huwa għamlu fis-sena 1925, u t-talba tiegħu, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ċitata, għandha titqies bħala interpellazzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem lilu spettanti u bħala espressjoni tal-volontà tiegħu li dak is-sehem ma jibqax f'idejn ħutu u gawdut minnhom. Jekk, għalhekk, l-appellanti, in bażi għaċ-ċitat artikolu 528 tal-Kodiċi Ċivili, setgħu ħasew rubhom ġustifikati li ma jħallsux lill-attur il-profitt jew l-interessi tas-sehem tiegħu min-negozju komuni, dana setgħu jagħmluh biss sas-sena 1925, u minn din is-sena 'l hawn il-kalkolu ta' dawk l-interessi jibqa' invarjat, u preċiżament kif ġie likwidat mill-perit fit-tieni rapport tiegħu u adottat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Anqas fuq dan il-pont, għalhekk, l-appell tal-konvenuti ma jistħoqqlux li jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti s-sentenza appellata, fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti, għandha tiġi konfermata;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell, billi tikkonferma fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-7 ta' Ottubru 1950; u tordna li l-kuntratt b'dik is-sentenza ordnat jiġi publikat minn nutar hemm nominat u bl-intervent tal-kuratur anki hemm imsemmi, f'waħda mill-awli ta' dawna l-Qrati fit-12 ta' Marzu 1951, fit-3 p.m. L-ispejjeż ta' dana l-appell iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

---